**"IL-KAPPILLAN MA JMUT QATT" novelli ta' Tuse' Costa pp. 96 — Il-Ħajja prezz 45c.**

Ktieb żgħir li fih jiġbor 12-il novella jew aħjar rakkont umoristiku u sar-kastiku bi kliem ħaj u stil mexxej li jħajrek tkompli taqra sa ma ttemm il-ktieb.

L-awtur għaraf jinqeda b'sentenzi qosra bi djalogar ħaj li jżewweġ ir-rakkont iżda ħadem b'vokabolarju fqir fil-medda tiegħu. Forsi dan sar biex ir-rakkont ikun ħafif fil-mixi tiegħu.

Minn fatti waħdenija li setgħu ġraw jew jistgħu jiġru, l-awtur jiġġeneralizza u jagħti kwadru u xbieha grotteska tal-kappillan b'mod inġust u forsi drabi in-ġurjuż. F'postijiet waqgħu għaċ-ċajt bħal meta qal l-"l-Akbar ħabiba tiegħu hija l-mejda" (p. 28), "li jilbes clergyman tinten pesta" (p. 79) "u li ħarat l-Ewropa kollha" (p. 79), waqt f'oħrajn għamel akkużi serji fuq li serji u li jwaqqgħulu l-kredibiltà tiegħu fost il-parruċċani għax imorru eżattament kontra l-missjoni tiegħu u juruh bħala ipokrita. Hekk ngħidu aħna fejn qal li jidħak bin-nies u jisraqhom fil-fiera (p. 11) anzi jwiegħed lil xi moribond il-ġenna ħalli jingan-nah u jeħodlu ġidu qabel ma jmut (p. 11). Akkużah li seraq il-ħamiem bil-moħbi (p. 19), li jigdeb u jisraq lill-insurance tal-karozzi (p. 76), li jiffalsifika r-relikwarji tal-qaddisin billi floki l-għadma tal-qaddis iqiegħed biċċa għadma ta' fenek (p. 33), li ma jisraqx f'ċerti okkażjonijiet għax jibża' mill-pulizija jew li jagħti skandlu (p. 32).

L-istess għamel fuq ix-xbiha tas-sorijiet li "joħorġu lix-xjuħ, lill-morda u l-inkapaċitati biex ikunu jistgħu jgawdu huma" (p. 72), li lesti jisolħu lil ħadd-ieħor b'risq il-kunvent (p. 78), li saħansitra jneżżgħu lill-kappillan biex iħejtu l-libsa tagħhom (p. 78) u li aħjar tħabbat rasek ma' ras ta' demonju milli taħbat difrek ma' żaqq ta' soru (p. 78).

Difett fis-siwi letterarju tiegħu hu li fl-aħħar ta' ħafna novelli l-awtur ma jissaportix li jħalli lill-qarrej jiġbed il-konklużjoni hu, imma biex ikun żgur (donnu jibża' li ma seħħlux iwassal il-messaġġ tan-novella bir-rakkont) igħid it-tagħlima li jrid jagħti. Barra li hu difett letterarju, dawn il-konklużjonijiet fihom insinwazzjonijiet u asserzjonijiet foloz li jitfgħu dellijiet koroh fuq min jagħmilhom bħal meta semma l-Moviment ta' Kana (p. 55), il-kappillan li lagħab bil-morali bħalma l-avukat jilgħab bil-liġi (p. 35) li l-kappillan mhux fidil kif ħasbuh (p. 11).

E.D.

---

**Kotba oħra li waslulna:**

**"IL-KAXXA TAZ-ZIJU" ta' Trevor Zahra.**

**"KIEN KWINTA L-QAMAR" ta' Lina Brockdorff.**

**"POEŻIJI MIĊBURA" ta' Wallace Gulia.**